**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2016**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 374/2011**

**Mary Grace Vella**

**vs**

**Clive Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-15 ta' April 2011 li jghid hekk:

1. Illi fil-tmienja (8) ta' Mejju 2009 l-intimat agredixxa vjolentement lill-esponenti u kkagunala feriti serji u permanenti;

2. Illi l-esponenti bir-rizultat ta' dan l-incident sofriet dizabilita permamenti u tilfet x-xoghol taghha minhabba dan l-incident u soffriet danni ohra;

Jghid ghalhekk l-intimat ghala dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex taqta', tiddeciedi u tordna ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbi ghal tali incident fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti konsegwenza tal-attakk vjolenti fuqha;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti d-danni kollha hekk sofferti li jkunu likwidati;

Bl-ispejjes u imghax legali

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi t-talba attrici qed tigi kkontesta bhala infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan billi l-eponent ma wettaq ebda danni fil-konfront taghha imputabbli lilu u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma pjuttost semplici. L-attrici u l-konvenut kellhom relazzjoni intima bejniethom li bdiet circa 2005 meta l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut 20 sena. Ma kinitx relazzjoni bla ostakoli u skossi. Kien pacifiku mix-xiehda tal-partijiet illi kien ikollhom xi jghidu spiss. L-attrici jidher li harget tqila mill-ewwel pero tilfet it-tarbija u jidher li f'dak il-perjodu l-attrici riedet taqta' mill-konvenut. Pero ftit wara rega' harget tqila u kellhom tifel f'Dicembru 2006. Il-kontendenti ma jidhirx li kienu jghixu ghal rashom f'dar taghhom izda baqghu kull wiehed jghix ghand il-genituri tieghu ghalkemm gieli qattghu hin ghand xulxin. Ir-relazzjoni taghhom kienet markata minn glied u suspetti specjalment da parti tal-konvenut wara t-twelid tat-tifel ghax skont il-konvenut, l-attrici kienet qed tara lil haddiehor. Il-konvenut stess jammetti li meta kien ikollhom xi jghidu gieli refa' jdejh fuq l-attrici meta kienet tipprovokah. Hu jirrakonta diversi episodji ta' glied fuq affarijiet bla ebda importanza jew serjeta. Kien jghin lilha u lit-tifel finanzjarjament ghax kien jahdem fl-isptar. Ir-relazzjoni mal-genituri tal-koppja kienet tajba hafna. Jidher li ghal habta tal-2009 beda jinqalghu suspetti fuq xi ragel li l-attrici kienet qed tara u kien ikollhom xi jghidu spiss u l-attrici kienet fil-fehma tal-konvenut issib skuzi biex tehles mill-konvenut. Hu jghid li ghamel zmien isegwiha u qabadha ma' dan ir-ragel. Ghamel perjodu ta' granet li ma hallietux jara lit-tifel pero baqa' jibghatilha messaggi bil-mobile u kienet tirrispondih biex ihalliha ghax kienet kuntenta ma' dan ir-ragel l-iehor. Pero fis-7 ta' Mejju 2009 l-affarijiet donnhom bdew jirrangaw ghax l-attrici talbitu jmur id-dar ghand ommha biex jara t-tifel. Hu mar ghandha fit-8 ta' Mejju 2009 u waqt li kien ikellimha

talabha jirrangaw u hi rrifjutat ghax kienet sabet lil haddiehor. Fil-fatt fuq il-mobile ra ritratt taghha u r-ragel l-iehor mghannqin u ghalkemm talabha titilqu rrifjutat u qaltlu jitlaq il-barra. Hu pprova jbusha u jghannaqha u ma hallietux. Hu jghid li f'dak il-hin tilef il-kontroll u beda jaghtiha b'sikkina tas-sajd kemm jiflah. Lanqas beda jara u jisma' sakemm sab ruhu l-ITU. Jirrizulta bhala fatt illi f'dan l-episodju l-attrici qalghet 28 daqqa ta' sikkina fuq diversi partijiet ta' gisimha, omm l-attrici wkoll qalghet daqqiet ta' sikkina li pero kienu fatali u mietet. Kien biss hu l-attrici Joseph Vella li nzerta kien id-dar rieqed li qam bl-istorbju u rnexxielu jinnewtralizza lil konvenut. Dan sehh primarjament ghax hu kien pulizija li jahdem mal-SAG.

Dawn huma l-fatti saljenti tal-fatti li ta lok ghal hsara f'gisimha li sofriet l-attrici.

**Konsiderazzjonjiet legali**

L-attrici qed tibbaza il-pretensjonjiet taghha fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnhom titnissel il-htija ex nunc. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghall-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-attrici tallega li gie lilha kawzat. Fuq l-attrici jintefa' l-oneru li tipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnha soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe** (PA 03/07/2003) fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Fil-kawza **Gasan Mamo Insurance Limited et vs Joseph Brincat et**, deciza fl-4 ta' Lulju 2012, il-gurisprudenza tghallimna illi:

> "Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien il-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli" [**Emanuel Ciantar vs David Curmi et** (PA 28/03/2003)].
>
> Jigi enfasizzat dak li intqal fis-sentenza **Joseph Grech vs Emanuel Ellul pro et noe**, deciza nhar is-27 ta'Gunju 1995 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li:

> “Sabiex ikun hemm lok ghad-danni irid ikun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza”

Ladarba l-azzjoni tal-attrici tinbena fuq il-htija akwiljana, jaqa’ fuqha d-dmir li turi b’mod tajjeb bizzejjed li l-htija kienet tassew fl-imharrek, u li kienet dik il-htija li tnissel favur l-attrici l-jedd ghall-hlas tal-kumpens.

Il-Qorti tqis li gie ppruvat illi l-fatt dannuz kien sehh b’azzjoni diretta u bi htija unika tal-konvenut.

F`dan l-istadju din il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-art.1031 u l-art.1032(1) tal-Kap.16, tghid li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Attard vs Attard** fil-20 ta’ Gunju 1984 inghad li d-danni sofferti fi glieda ghandu jirrispondi ghalihom min kien il-provokatur taghha (ara ukoll Vol.XXXVI. 11.467).

Ma hemmx dubju f’mohh il-Qorti illi l-provokatur tal-hsara sofferta mill-attrici kienet l-aggressjoni salvaggja u omicida tal-konvenut. Fil-fatt fil-guri li sar fil-konfront tieghu hu ammetta l-akkuzi migjuba kontrih fosthom ta’ attentat ta’ omicidju fil-konfront tal-attrici bla ebda difiza kontra tali akkuzi (ara fol. 180 tal-process).

Din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) fil-kawza **Carbonaro vs Ryan** deciza fit-28 ta’ Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f’kawza civili ta’ kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768).

Fis-sentenza moghtija fis-27 ta` Lulju 2007 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Pace vs Camilleri** kien rilevat hekk:

> Fir-rigward tas-sottomissjonijiet tal-appellant illi l-proceduri kriminali ghandhom jinzammu separati mill-proceduri civili, ghalkemm l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid proprju dan ossia – “L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra” – fic-cirkostanzi ta’ din il-kawza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni anke l-Artikolu 632(1) tal-Kap.12 li jipprovdi illi “Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova.” Sakemm ma jigix pruvat, imqar fuq bazi ta’ probabilita`, li dik id-dikjarazzjoni – f’dan il-kaz il-verbal – kienet menzonjera jew ghall-

> anqas ma kenitx tirrispekkja dak li verament ried jinghad, dik id-dikjarazzjoni tista' tittiehed bhala prova. Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg proceduri jinzammu separati, dak li jsehh f'wahda mill-proceduri jista' jingieb bhala prova fil-procedura l-ohra …

Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara **Xuereb vs Micallef** (App 26/11/1923; **Abela vs Bonnici** (PA 23/01/1958; **Briffa vs Abela** (PA 28/03/2003; u **Caruana vs Ministru tal-Ambjent et** (PA 07/07/2004).

Hu minnu illi l-kawza civili u l-kawza kriminali huma distinti minn xulxin u l-grad ta' prova hi differenti pero jibqa' l-fatt inkontestat li la fl-azzjoni kriminali u wisq anqas fl-azzjoni civili l-konvenut ma gab xi skuzanti ghal fatt tal-hsara ammess minnu stess fil-kontroezami. L-affidavit tal-konvenut jaghti x'jifhem illi meta ra r-ritratt ta' ragel iehor fil-mobile tal-attrici u hi qaltlu biex jitlaq il-barra u ma halliehiex ibusha hu tilef il-kontroll. Dan jista' jkun pero ma hi ta' ebda skuzanti la li jerfa' jdejh fuqha u wisq anqas ghall-aggressjoni daqshekk vjolenti tal-istess konvenut li jidher li dahal fid-dar tal-attrici armat b'sikkina tas-sajd. Anki kieku stess hassu provokat mill-atteggjament tal-attrici, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Gauci vs Gauci** deciza fit-30 ta` Novembru 1956, kien ritenut li:

> min jikkaguna danni fi glieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni ... jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk il-fatti juru li hu kien qieghed jagixxi minhabba xi risentiment li kellu minn qabel versu l-parti ohra. U kieku stess min ikkaguna d-danni ikkagunahom waqt li kien qieghed jirreagixxi, l-iskuzanti tal-provokazzjoni l-anqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kenitx proporzjonata.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti li l-attrici ppruvat il-fatt dannuz u l-kollegament ta' dan il-fatt mal-htija tal-konvenut ghalih  ai termini tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16.

**Danni**

L-attrici titlob kemm damnum emergens u lucrum cessans.

**Damnum emergens**

In kwantu ghad-damnum emergens, l-attrici ma esebiet ebda prova a rigward.

**Lucrum cessans**

Illi ghal dak li jirrigwarda d-danni in linea ta' lucrum cessans, jigi rilevat illi r-regola kontenuta fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 giet supplimentata bil-principji stabbiliti fil-kawza **Michael Butler vs Peter Christopher Heard** (App 22/12/1967) li pero giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et** (App 16/11/1983):

> ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".

Fil-komputazzjoni tad-danni, l-qrati nostrani rritenew illi:

> Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiiti tar-realta u kemm huwa possibbli, terqa' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel ... Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet; u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ingust ta' haddiehor mhuwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist l-ezercizzju huwa fuq ir-realta sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni. (**Emanuel Agius vs Joseph Galea et noe,** 11/07/1989).

In kwantu ghal lucrum cessans, jibda biex jinghad illi l-attrici kellha xi problemi tal-qalb qabel l-aggressjoni u gie operata meta kellha disa' xhur u hames snin rispettivament. Il-Qorti tqis li l-hsara sofferta fl-aggressjoni ma kellha x'taqsam xejn ma' din il-problema antecedenti u ma nfluwitx fuq il-feriti jew il-konsegwenzi taghhom.

Jigi rilevat ukoll illi l-attrici fil-mori tal-proceduri thallset is-somma ta' €23,300 mill-Ministeru tal-Finanzi bhala kumpens ex gratia lil vitma ta' reati ai termini tal-Criminal Injuries Compensation Scheme (ara fol. 239 tal-process). Ghalkemm fil-ftehim saret surroga favur il-Ministru tal-Finanzi li f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-attrici f'dawn il-proceduri, il-Ministeru jkollu privilegg sal-ammont imhallas, tali ftehim hu res inter alios acta dawn il-proceduri u r-relazzjoni bejn l-attrici u l-Ministeru tal-Finanzi hi wahda bejniethom biss.

L-attrici kellha 25 sena meta sehh l-incident. Dak iz-zmien ma kinitx tahdem izda kienet tghix bir-relief ta' single mother. Tixhed li qabel kellha t-tarbija cioe meta kien

ghad kellha 21 sena kienet tahdem salesgirl bil-paga minima. Illum qed tahdem darba fil-gimgha biss. Hi tixhed li fizikament ma tiflahx strapazz minhabba dak li sofriet u ghadha ssofri kawza tal-griehi fizici u t-trawma psikologika. Tghid ukoll pero illi hi trid tiehu hsieb it-tifel u jekk tahdem aktar jaqtghulha mir-relief.

Il-Qorti qieset li gew prezentati tlett rapport medici, wiehed tal-psikjatra Joseph F. Spiteri a fol. 147 tal-process liema rapport sar fit-12 ta' Novembru 2013 wara li kien ilu jara lil attrici xi seba' xhur. Qal li l-attrici ssofri minn post traumatic stress disorder, depression u organic personality changes u stima d-debilita sofferta bhala 35 fil-mija. Gie esebit rapport ta' Mr. Francis Darmanin tal-1 ta' Novembru 2013 a fol. 197 tal-process li stima c-cicatrici u deformita mill-operazzjonijiet bhala 24 fil-mija. Gie esebit rapport tal-kurirgu generali Gordon Caruana Dingli li ezamina lil attrici wara l-incident cioe f'Ottubru 2013 u hejja rapport jinsab a fol. 117 tal-process fejn stima d-dizabilita fizika bhala 20 fil-mija.

Ma ngiebet ebda prova mill-parti l-ohra li tikkontradixxi dak li sabu l-esperti medici ex parte. Il-periti medici bejniethom sabu disabilita komplessiva ta' 35 + 24 + 20 fil-mija, komplessivament 79 fil-mija. Il-Qorti tqis illi l-esperti medici ghamlu stima ghal rashom ghal kull aspett ta' disabilita bla ma kkonsidraw il-principju tal-weighted average li ghandu japplika f'kazijiet simili. Il-Qorti tqis li bil-principju ta' weighted average, id-dizabilita komplessiva, tenut kont tan-natura estensiva u l-varjeta tal-griehi u dannu, kemm dawk li jidhru u ma jidhrux ghandha tigi stabbilita fil-percentagg ta' 50 fil-mija.

L-attrici kellha 25 sena meta sehh l-incipdent b'hajjitha kollha quddiemha. Qabel l-incident kellha kapacita tahdem u jekk ma hadmitx ma kienx ghax ma setghetx izd ma riditx. L-ahhar impjieg full time kien ta' salesgirl li skond l-attrici kien jaghtiha paga minima. Il-Qorti tqis ghalhekk ilil ghandha tuza bhala bazi ta' qliegh il-paga minima fl-2009 cioe €7,919.08 fis-sena li mehud it-trapass ta' zmien ghal fini ta' multiplier li mhux wiehed qasir, il-paga ghandha tizdied biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja ghal €8,500 fis-sena.

Ghalkemm l-eta pensjonabbli dejjem qed tikber il-Qorti tqis illi tenut kont tac-chances and changes of life u l-fatt li l-attrici tbati minn kondizzjoni kongenitali tal-qalb il-multiplier ghandu f'dan il-kaz ikun ta' 25 sena.

Tenut kont ta' dawn il-fatturi bhala parametri tal-lucrum cessans id-danni qua lucrum cessans li sofriet l-attrici ghandhom jigu komputati kif gej:
€8,500 x 25 sena x 50% = €106,250.

Minn din is-somma ghandha titnaqqas il-percentwali ta' 20 fil-mija ghal konsum u erbatax fil-mija ghal lump sum payment billi l-kawza bdiet fl-2011. B'hekk l-attrici ghandha dritt ghal risarciment ta' €70,125.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lil konvenut responsabbli ghall-incident vjolenti li ta lok ghad-danni sofferti mill-attrici, tillikwida d-danni dovuti lil attrici fis-somma ta' sebghin elf mija u hamsa u ghoxrin ewro (€70,125), u tikkundanna lil konvenut ihallas lil attrici s-somma likwidata, bl-ispejjez u bl-imghax mis-sentenza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur